Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Ġunju 2010 – Hoelzer vs UASI (SAFELOAD)

(Kawża T-315/09)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva SAFELOAD — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(ċ)) (ara l-punti 19, 25, 35)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Ġunju 2009 (Każ R 1157/2008-4) dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv SAFELOAD bħala trade mark Komunitarja.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Oliver Hoelzer
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva SAFELOAD għal prodotti fil-klassijiet 6 u 12 – Applikazzjoni Nru 6330831
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjoni rrifjutata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Oliver Hoelzer huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2010 – COLT Télécommunications France vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-79/10 R)

"Proċeduri għal miżuri provviżorji — Għajnuna mill-Istat — Użu ta' netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'veloċità qawwija — Kumpens għal spejjeż ta' servizz pubbliku — Deċiżjoni li tikkonstata li l-miżura nnotifikata ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza"

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Fumus boni juris — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Natura kumulattiva — Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 13-16)*

2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Oneru tal-prova — Dannu finanzjarju — Tibdil b'mod irrimedjabbli tal-ishma tas-suq — Inklużjoni (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 30, 36-39, 41)*